# L-ARĊISQOF PIETRO PACE



Kull meta mill-Belt nitfa ħarsti lejn it-tlett ibliet tal-Cottonera jitfaċċa quddiemi kwadru sabiħ u storiku.

Il-baħar kaħlani, is-swar, il-fortifikazzjonijiet, il-knejjes bil-koppli sbieħ tagħhom, għandhom kollha kemm huma storja x'jgħidu, għaliex il-Cottonera kellha sehem kbir fl-istorja ta' dawn il-gżejjer.

F'dan il-kwadru hekk sabiħ, naraw fuq ix-xellug il-Kalkara. Għalija, il-Kalkara, bil-bajja sabiħa u mperrċa tagħha, inqisha bħala l-bint iż-żgħira tal-Cottonera. Bosta mil-familji tal-Kalkara huma wild it-tlett ibliet tal-Cottonera.

Il-Kalkara wkoll daqet il-madmad ta' l-aħħar gwerra dinjija.

Fi ġrajjiet l-aħħar gwerra dinjija naqraw li l-Isla tilfet il-bażilika tagħha. L-istess ġralhom id-Dumnikani tal-Birgu u nafu wkoll kemm il-kolleġġjata ta' San Lawrenz ġarrbet ħsarat. Ftit li xejn iżda naqraw li l-Kalkara tilfet ukoll il-knisja parrokkjali tagħha. Ma kinitx knisja qadima bħall-knejjes l-oħra tal-Cottonera iżda kienet knisja li kienet il-frott ta' Parroċċa żgħira. Fuq kollox kienet knisja storika. Fiha, fl-1898, l-Arċisqof ta' Malta Monsinjur Pietro Pace stabilixxa Parroċċa ġdida, iddedikata lil San Ġużepp.

Din is-sena jaħbat għeluq it-tmenin sena minn meta dan l-Arċisqof ħalla din id-dinja, u għalhekk hu xieraq li nfakkruh bħala wieħed mill-benefatturi tal-Kalkara.

Monsinjur Pietro Pace twieled ir-Rabat Għawdex fid-9 ta' April tal-1831. L-ewwel edukazzjoni skolastika tiegħu ħadha b'mod privat f'Għawdex stess.

Meta kiber wera l-vokazzjoni saċerdotali tiegħu u għalhekk hu ġie mibgħut fis-Seminarju ta' l-Imdina fejn beda l-istudji ekklesjastiċi. L-awtoritajiet tas-Seminarju għarfu fih element intelliġenti u għalhekk bagħtuh jipperfezzjona f'Ruma. Hawnhekk hu sab kamp kbir għall-karriera tiegħu. F'Ruma wkoll ġie ordnat saċerdot fis-17 ta' Diċembru tal-1853 meta kellu biss 22 sena.

Fl-istudji tal-Università ta' Ruma Dun Pietru Pace kiseb unuri mill-aqwa bħal m'hu d-dottorat tat-Tejoloġija u tal-Liġi Ekkleżjastika. Kien permezz ta' dawn l-istudji li Dun Pietro Pace ġie f'kuntatt ma' bosta professuri u studenti, li wara kisbu karigi għolja fil-Kurja Rumana.

Fl-1858 l-Isqof ta' Malta, Monsinjur Gaetano Pace Forno, talab lil Dun Pietro Pace jiġi Malta biex jibda jgħallem fis-Seminarju. F'dawk iż-żminijiet, dan il-qassis kellu kariga importanti billi kien is-segretarju privat tal-Kardinal Vincenzo Santucci.

B'danakollu iżda, hu laqa' t-talba tal-Isqof Pace Forno u ġie Malta u nħatar Professur tat-Tejoloġija Dommatika u ta' l-Iskrittura fis-Seminarju.

Meta hu reġa' lura Malta, l-gżira t'Għawdex kienet mixgħula u ħerqana li Għawdex isir djoċesi għalih. Dun Pietru Pace, permezz tal-kuntatti li kellu ma' Ruma, beda jgħin biex din ix-xewqa ssir rejaltà.

Kienet is-sena 1862 meta Ruma ħatritu bħala Kanonku tal-Kattidral ta' Malta, b'danakollu iżda baqa' jaħdem biex Għawdex isir djoċesi.

Wara bosta laqgħat u diskussjonijiet, il-Papa Piju IX fl-1864 għażel lil Għawdex bħala djoċesi għalih bl-Isqof Buttigieg bħala l-ewwel Isqof t'Għawdex.

Fit-3 ta' Diċembru 1864 Dun Pietru Pace inħatar Vigarju Ġenerali tad-djoċesi t'Għawdex. Hu ħadem f'din il-kariga b'dedikazzjoni kbira sal-1876. Sar jaf Għawdex kollu, jiġifieri l-kleru u l-poplu bil-problemi kollha. Fuq kollox ħadem u rsista fit-twaqqif tas-seminarju filwaqt li sar ukoll Professur tat-Tejoloġija Morali fl-Università Rjali ta' Malta u wkoll eżaminatur Sinodali. Feraħ il-kleru t'Għawdex meta fid-19 ta' Diċembru 1865 hu nħatar Prelat Domestiku bħala għarfien tal-ħidma li kien qieghed iwettaq b'risq id-djoċesi ġdida t'Għawdex. Kulħadd kien qiegħed jittama li xi darba Monsinjur Pace jsir Isqof t'Għawdex. Ma kinitx għalhekk sorpriża meta fit-12 ta' Marzu 1877 il-Papa Piju IX ħatru Isqof t'Għawdex. Il-konsagrazzjoni tiegħu saret fil-knisja ta' San Carlo al Corso Ruma fit-8 ta' April 1877 mill-Kardinal Edward Howard flimkien ma' żewġ isqfijiet oħra.

L-ingress solenni tiegħu sar fil-Matriċi fit-2 ta' Lulju 1877 fost il-ferh kbir tal-poplu Għawdxi.

Hawnhekk bdiet il-ħidma tiegħu bħala Isqof t'Għawdex. Barra t-twaqqif tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, l-Isqof Pietru Pace kien il-bniedem li għen fit-twaqqif u fil-formazzjoni tal-kongregazzjonijiet tar-reliġjużi tad-Dumnikani u tal-Franġiskani.

Ismu wkoll jibqa' marbut mat-twaqqif tal-Parroċċa ta' Kerċem.

L-Isqof Pietro Pace beda jiġi magħruf għaż-żelu u l-imħabba li kellu b'risq il-poplu t'Alla. L-Awtoritajiet tal-Knisja tal-Vatikan għarfu fih mill-ewwel bħala s-suċċessur ta' l-Isqof ta' Malta.

Fil-bidu tal-1889 l-Isqof ta' Malta, Monsinjur Carmelo Scicluna miet u ftit wara tħabbar li Monsinjur Pietro Pace sar Isqof ta' Malta. L-ingress solenni tiegħu sar fit-22 ta' Lulju 1889. Hawnhekk hu beda l-ħidma kbira pastorali b'risq il-poplu Malti.

Ismu hu marbut mat-twaqqif tal-Parroċċi tal-Kalkara, ta' San Ġiljan, ta' Marsaxlokk, tal-Imġarr, ta' San Pawl il-Baħar u tal-Marsa. Kien ukoll hu li kkonsagra bosta mill-knejjes tagħna. Hu kien isib kull okkażjoni meħtieġa biex jiġi f'kuntatt mal-merħla tiegħu. L-Arċisqof Monsinjur Pietro Pace kien igawdi r-rispett tal-awtoritajiet barranin ta' dawn il-gżejjer u kemm-il darba tawh dekorazzjonijiet speċjali b'sinjal ta' ammirazzjoni lejh.

Mhux kollox kien ward u zahar waqt l-episkopat tiegħu. Fi żmienu kellu jiffaċċja bosta sitwazzjonijiet allarmanti għat-twemmin tagħna. L-Arċisqof Pace, determinat mill-ġid tal-erwieħ, ma beżax jeħodha kontra dawn l-elementi.

Matul is-snin tal-episkopat tiegħu, b'mod speċjali meta xjieħ, l-Arċisqof Pietro Pace sab għajnuna kbira fl-Isqof awżiljarju tieghu, Monsinjur Angelo Portelli.

Matul l-episkopat tiegħu hu mexxa bosta ċelebrazzjonijiet speċjali fosthom l-inkoronazzjonijiet tal-Madonna tal-Mellieħa u tal-Madonna tal-Ħerba. Fi żmienu wkoll ġiet inkurunata l-Kunċizzjoni ta' Bormla mill-Kardinal Domenico Ferrata, żgur iżda li l-aqwa manifestazzjonijiet li mexxa kienu ċ-ċelebrazzjonijiet tal-erbgħa u għoxrin Kungress Ewkaristiku li kien sar Malta fl-1913. F'dik is-sena l-Arċisqof Pace kien diġà qabeż sew it-tmenin sena, iżda b'danakollu attenda ċ-ċelebrazzjonijiet kollha. Fuq hekk ġibed l-ammirazzjoni ta' kulħadd, fosthom tal-kungressisti barranin.

Is-sena ta' wara dan il-Kungress, jiġifieri fl-1914, kienet is-sena li kellu jibdiha iżda ma jtemmhiex. Fl-ewwel xhur tagħha saħħtu bdiet tnin. Għadda xi żmien f'Casa Pace li tinsab qrib il-knisja parrokkjali ta' Ħal-Balzan. Fuq il-parir tal-ħbieb u tat-tobba hu ħalla Malta u mar Għawdex. Sadattant is-Sajf kien daħal sew u l-familjari tiegħu ħaduh fid-dar li kellhom Marsalforn. Ix-xjuħija u saħħtu kienu qegħdin ikidduh u dawn wassluh biex fid-29 ta' Lulju tal-1914 hu jħalli d-dinja wara li kien ilu 37 sena Isqof t'Għawdex u ta' Malta.

Mill-ewwel l-Awtoritajiet barranin ħabbru l-mewt tiegħu, u ħabbru luttu nazzjonali. Il-Kurja t'Għawdex u ta' Malta ħabbru l-mewt tiegħu permezz ta' ċirkulari u dlonk il-knejjes ta' dawn il-gżejjer ħabbru l-mewt tiegħu permezz tad-daqq tal-qniepen. L-istaġun tal-festi kien fl-aqwa tiegħu, iżda dawn ġew imwaqqfa immedjatament.

Il-funeral solenni tiegħu sar fil-31 ta' Lulju. Dak in-nhar kien Jum ta' Luttu Nazzjonali. Kullimkien inżamm magħluq, u kull knisja f'dawn il-gżejjer daqqet mota ta' mewt.

Il-kadavru tiegħu ittieħed mill-knisja tal-Franġiskani Konventwali tar-Rabat Għawdex għall-knisja katidrali. Hemm saret quddiesa solenni 'Presente Cadavare' b'orazzjoni funebri magħmul minn Monsinjur Ġużeppi Farrugia Vigarju Ġenerali.

Wara ġie midfun fil-kappella ta' San Ġużepp fl-istess knisja katidrali.

Għaddew tmenin sena mill-mewt ta' dan l-Isqof li ta kontribut kbir bħala Isqof ta' Għawdex u ta' Malta.

Pitturi u kwadri b'tifkira tiegħu nsibuhom fil-Palazz ta' l-Arċisqof l-Imdina, fil-Palazz ta' l-Isqof tar-Rabat Għawdex, fis-Seminarju Veskovili t'Għawdex, fl-Awla Kapitulari tal-Katidral ta' l-Imdina, fis-sagristija tad-Dumnikani tal-Belt, u f'dik ta' Bormla, fis-saqaf tal-knisja tal-Furjana, u oħrajn.

Kif rajna, il-Parroċċa tal-Kalkara hija wkoll tifkira ta' dan l-Isqof għaliex kien hu li wellidha u ta l-ħajja.

Fi ftit snin oħra din il-Parroċċa se tiċċelebra l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tagħha. Nawgura li fiċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru l-personalità ta' l-Arċisqof Pietro Pace tiġi imfakkra.

**Sliema**
**20 ta' April 1994**

**Tony Terribile**